# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 29**

**Rik. Nru. 692/12JRM**

Frank u Louise konjuġi **AZZOPARDI**

vs

Carmen **PAĊE** f'isimha u għan-nom ta' ħuha Antonio *sive* Anthony Calleja u oħtha Emanuela *sive* Nelly mart Chris Lee, John Baptist Calleja, Maria *sive* Mary mart Anthony Formosa, Grace mart Charles Micallef, Kalcidinio Calleja f'ismu u għan-nom ta' ħutu Michael John Calleja u Josephine mart Edward Azzopardi, Kalcidon Bonavia, Emmanuela mart Joseph Mallia, Carmen mart Victor Catania, Josephine mart Joseph Cucciardi, Kalcidon Bilocca f'ismu personali u għan-nom ta' Don Micallef, Helen mart John Lindsay u Lilian mart Urs Meyerhans, Joan mart Richard Gauci, Mary mart Angelo Abela, Giorgina mart Emanuel Azzopardi, Agnes mart Mario Micallef, Joseph Micallef u l-istess Agnes u Joseph Micallef għan-nom u in rappreżentanza ta' Charles sive Charlie Micallef u ta' Kalcidonio Micallef, Spiridione sive Dione Micallef, George

Micallef, Maria Dolores mart Joseph Mercieca, Ludgardo sive Richard Micallef, Sylvana Micallef u Stefan Micallef

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-10 ta' Lulju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti (1) issib li l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju, 2008, maħruġa kontrihom għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tiswiex u hija bla effett minħabba li l-ġurament meħud minn Carmelo Micallef li ħariġha kien wieħed żbaljat u ma jirriflettix is-sewwa; (2) f'każ li l-ewwel talba ma tintlaqax, issib li l-kreditu pretiż fl-imsemmija ittra uffiċjali huwa mħallas u konsegwentement mhux dovut; u (3) issib li l-atturi ħalsu ammont aktar mill-kreditu oriġinali u għalhekk għandhom jedd għal refuzjoni tal-ammont ta' €14,675 imħallas żejjed u b'hekk tikkundanna lill-imħarrkin sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsuhom l-imsemmija somma, flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħa minn dakinhar li sar il-ħlas żejjed sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-19 ta' Lulju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-10 ta' Awwissu, 2012, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li (1) l-atturi għandhom juru taħt liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħda tressqet din il-kawża biex tattakka l-ittra uffiċjali, billi proċedura bħal din ma teżistix u għalhekk l-azzjoni ma tiswiex; (2) r-rikors huwa fih nnifsu neboluż għaliex filwaqt li qiegħed jingħad li l-ġurament ta' Carmelo Micallef kien difettuż, fl-istess azzjoni jitolbu dikjarazzjoni li l-kreditu mertu tal-ittra uffiċjali kien imħallas; u (3) safejn l-azzjoni attriċi hija waħda għar-radd ta' indebitu, l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn għall-finijiet tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi. Jiċħdu li Carmelo Micallef qatt stqarr li l-ammont li talab fl-imsemmija ittra uffiċjali ma huwiex dovut, jew li l-atturi ħalsu żżejjed. Jgħidu li l-kawża kollha hija skuża maħsuba mill-atturi biex jippruvaw jirrimedjaw għan-nuqqas li jattakkaw l-ittra uffiċjali fil-ħin. Fl-aħħarnett, talbu li l-atti kollha tal-Avviż Numru 94/2010 tal-kawża fl-ismijiet "*Frank Azzopardi vs. Joan Gauci* et" jinġiebu quddiem din il-Qorti u jitqiegħdu fl-atti tal-kawża;

[1] Paġġ. 5 sa 6 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2012[2], li bih ordnat li l-atti tal-Avviz Numru 94/2010 fl-ismijiet "*Frank Azzopardi et vs. Joan Gauci et*" jinġabu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2012[3], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni ta' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin, u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet f'dan ir-rigward;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-10 ta' Ġunju, 2014[4], li bih il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[5];

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex tħassar ittra uffiċjali li nħarġet taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ittra"), li kienet saret eżekuttiva, kif ukoll sabiex jintraddu lura flejjes li ngħad li tħalsu żejjed mill-atturi. L-atturi jgħidu li l-ittra ma tiswiex għaliex min ħalifha biex jgħid li kien għad fadallu jieħu, ma kienx qed jgħid is-sewwa billi kulma kien dovut kien tħallas u tħallas aktar minn dak dovut ukoll u għaldaqstant jgħidu li l-ittra ma tgħoddx u ma għandha l-ebda effett. Jgħidu wkoll li ħallsu ammont ferm aktar minn dak dovut, għaldaqstant jitolbu li dan jintradd lura billi jikkostitwixxi arrikiment mhux mistħoqq;

Illi l-imħarrkin, min naħa l-oħra, jqanqlu eċċezzjonijiet kemm proċedurali kif ukoll fil-mertu. Proċeduralment, jgħidu li l-azzjoni ma hijiex maħsuba fil-liġi billi ma tistax tiġi attakkata l-ittra mertu tal-kawża. Iżidu li r-rikors huwa fih nnifsu neboluż għaliex filwaqt li qiegħed jingħad li l-ġurament ta' Carmelo Micallef kien difettuż, fl-istess azzjoni jitolbu dikjarazzjoni li l-

[2] Paġ. 21 tal-proċess
[3] Paġ. 23 tal-proċess
[4] Paġ. 153 tal-proċess
[5] Paġ. 154 tal-proċess

kreditu mertu tal-ittra kien tħallas. Iqanqlu wkoll l-eċċezzjoni li l-azzjoni saret wara ż-żmien ta' sentejn li l-liġi tagħti[6] sabiex jintalab lura dak li jkun tħallas bla ma jmiss (l-indebitu). Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li fil-25 ta' April, 2003, l-atturi resqu fuq kitba privata mal-miżżewġin Carmelo u Caterina Micallef dwar il-bejgħ lill-atturi ta' disgħa u għoxrin (29) baqra u disgħa u tletin (39) kwota ta' ħalib bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra maqbula[7]. B'kollox, l-atturi kellhom iħalsu lil Micallef l-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm53,500), li minnhom, sa dakinhar li saret il-kitba, kienu tħalsu għaxart elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm 10,800);

Illi l-attur wettaq ħlasijiet oħrajn f'rati ta' elf Lira Maltija (Lm 1,000) fix-xahar fuq medda ta' snin[8]. Skond il-ftehim, sakemm il-ħlas tar-rati jsir f'ħinu, ma kellux jgħaddi mgħax fuq il-bilanċ. L-aħħar ħlas ta' erbat elef Lira Maltija (Lm 4,000) sar lejn l-aħħar ta' Ottubru tal-2006;

Illi fit-23 ta' Mejju, 2008[9], Carmelo Micallef ħareġ l-ittra lill-atturi għall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talabhom iħalsuh l-ammont ta' ħmistax-il elf, erba' mija u wieħed u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmi (€15,471.20) bħala bilanċ tal-prezz miftiehem fuq il-kitba u prezz ta' għoġol mibjugħ. L-atturi naqsu li jwieġbu għall-ittra fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi[10]. L-attur jgħid li kien il-mittent innifsu li kien qallu ma jagħtix każha u li dal kliem qalulu meta l-attur kien żaru l-isptar[11];

Illi ftit wara Carmelo Micallef miet, u fit-2 ta' Marzu, 2010[12], l-werrieta tiegħu talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv kontra l-atturi fuq is-saħħa tal-ittra u għall-istess ammont mitlub fiha, flimkien ma' talba għall-ħlas ta' mgħax fuq is-sorti u spejjeż taxxati marbuta mal-ħruġ tagħha;

Illi minn eżami ta' l-irċevuti miżmuma mill-atturi dwar in-negozju li kienu daħlu fih ma' Micallef, wara l-ħruġ tal-Mandat u meta reġgħu raw il-karti li kellhom[13], l-atturi intebħu li kienu ħallsu lil Micallef erbatax-il elf, sitt mija ħamsa u sebgħin ewro (€14,675), ekwivalenti għall-ammont ta' sitt elef, u

[6] Art. 1027 tal-Kap 16
[7] Dok. "VB7" f'paġ. 34 tal-proċess
[8] Dok. "VB8" sa "VB 13" f'paġġ. 35 sa 39 tal-proċess
[9] Dok. "A" f'paġ. 5 tal-proċess Avviz Nru. 94/10CSH Qorti tal-Maġistrati (Malta)
[10] Ara x-xhieda ta' Frank Azzopardi f'paġ. 42 tal-proċess
[11] Ara l-affidavit ta' Frank Micallef f'paġġ. 25 sa 26 tal-proċess
[12] Paġġ. 6 sa 8 tal-proċess Avviż Nru. 94/10CSH Qorti tal-Maġistrati (Malta)
[13] Xhieda tal-attriċi f'paġ. 103 – 4 tal-proċess

tlett mitt lira maltin (Lm6,300), iżjed minn kemm kellhom jagħtuh[14]. L-attur jistqarr li lil Micallef qatt ma talbu dan l-ammont[15];

Illi fit-18 ta' Marzu, 2010, l-atturi ressqu talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-finijiet tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex iwaqqgħu l-effett tal-ittra u biex jitolbu lil dik il-Qorti tordna l-ħruġ tal-Kontro-Mandat għall-Mandat eżekuttiv fuq imsemmi[16]. Dik il-Qorti ċaħdet dawk it-talbiet permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ġunju, 2011[17];

Illi fit-12 ta' Lulju, 2011[18], l-atturi appellaw minn dik is-sentenza permezz ta' talba mressqa quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), liema appell ġie miċħud minn dik il-Qorti b'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2012[19];

Illi fl-10 ta' Lulju, 2012, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, ma hemmx dubju li t-tliet eċċezzjonijiet preliminari li l-Qorti ntalbet tistħarreġ huma ta' xejra proċedurali u maħsuba biex iwaqqfu s-smigħ tal-kawża qabel ma jkun mistħarreġ il-mertu tal-pretensjoni attriċi – jiġifieri l-eżistenza tal-indebitu u r-radd lura ta' dak imħallas żejjed. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-imsemmija eċċezzjonijiet jitnisslu mill-qafas ta' proċeduri oħrajn li l-atturi nedew bil-ħsieb li jħassru l-effetti tal-ittra, liema proċeduri sallum ma tawhomx ir-riżultat li riedu;

Illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** titkellem dwar l-irritwalità tal-azzjoni attriċi meta qed tattakka l-ittra li l-imħarrkin eċċipjenti jgħidu li ma teżistix jew mhix maħsuba fil-liġi. Huma jisħqu li l-liġi speċjali, kif maħsuba taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, ma tagħtix azzjoni bħal din. L-atturi, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li l-bażi legali tal-azzjoni attriċi hija r-rimedju residwali tas-setgħat ġenerali mogħtija lil din il-Qorti taħt l-artikolu 32 tal-istess Kodiċi;

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mas-sub-inċiżi (4) u (5) tal-imsemmi artikolu. Filwaqt li s-sub-artikolu (4) jistabbilixxi ż-żmien fi fih ittra uffiċjali tista tiġi kontestata u x'jiġri jekk ma tkunx, is-sub-artikolu (5) jirregola proċedura li tingħata lil min, minkejja li jkun naqas li jwieġeb fiż-żmien għal ittra bħal dik, jitlob it-tħassir tat-titolu eżekuttiv maħluq

[14] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 90 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "PBC" f'paġ. 75 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 42 tal-proċess
[16] Fis-sewwa, fil-5 ta' Marzu, 2010 kienu fetħu l-istess proċedura quddiem din il-Qorti (Rik. Nru. 217/10JRM) imma ċedew l-atti fid-19.7.2010
[17] Paġġ. 115 sa 131 tal-proċess Avviz Nru. 94/10 CSH Qorti tal-Maġistrati (Malta)
[18] Paġġ. 1 sa 5 tal-proċess Avviz Nru. 94/10 CSH Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[19] Paġġ. 15 sa 26 tal-proċess Avviz Nru. 94/10 CSH Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

b'tali ittra (flimkien ma' kull att eżekuttiv maħruġ bis-saħħa ta' titolu bħal dak) jekk kemm-il darba juri li hemm waħda miż-żewġ raġunijiet imsemmija fl-istess sub-inċiż;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi ttantaw li jiksbu dan il-għan bil-proċeduri li nedew kemm quddiem din il-Qorti (għalkemm irrinunzjaw għalihom) u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' rikors tat-18 ta' Marzu, 2010. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Ġunju, 2011[20], ingħad li minkejja li l-proċedura speċjali tistabbilixxi l-kriterji li fuqhom wieħed seta' jattakka s-siwi tat-titolu eżekuttiv, l-atturi f'dawk il-proċeduri kienu qegħdin jittantaw jikkontestaw l-ittra fuq il-mertu tal-kreditu pretiż. Ladarba dan ma għamlux fi żmien tletin jum mogħti lilhom taħt is-sub-inċiż (4), u ladarba r-raġuni miġjuba 'l quddiem minnhom ma kinitx waħda mir-raġunijiet espressament maħsuba fis-sub-inċiż (5), l-atturi ma setgħux aktar iressqu kontestazzjoni għal dik l-ittra (u l-effetti eżekuttivi li joħorġu minnha) f'data wara;

Illi jekk wieħed iħares lejn il-premessi u l-ewwel talba attriċi f'din il-kawża, isib li l-atturi għal darb'oħra qegħdin jittantaw jattakkaw is-siwi tal-ittra, billi jorbtu l-kwestjoni mal-ġurament meħud minn Carmelo Micallef fl-ittra bħala wieħed falz fuq il-premessa li messu kien jaf li mhux minnu li kien għad fadallu jieħu mingħandhom;

Illi għalkemm din il-Qorti għandha s-setgħa ta' ġurisdizzjoni ġenerali li taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali[21], li ma jkunux taħt dispożizzjoni espressa tal-liġi mħollija lil xi qorti oħra, dan irid jitqies fil-limiti mposti fuqha mill-istess liġi. F'dan il-każ hija liġi b'dispożizzjonijiet speċjali regolati bl-artikolu 166A li tirregola l-mod kif kreditur jista' jipproċedi b'azzjoni għall-ħlas ta' dejn, ċert u li għalaq sabiex jikseb titolu eżekuttiv;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi. Fl-ewwel lok, jekk l-atturi nqdew diġà bil-proċedura speċjali maħsuba fil-liġi biex ippruvaw jattakkaw l-ittra, ma jistgħux issa jinqdew bis-setgħa ġenerali ta' din il-Qorti biex jitolbu l-istess ħaġa. Dan jingħad, minbarra li bis-sentenzi mogħtijin f'dawk il-proċeduri – u li llum jikkostitwixxu ġudikat fir-rigward tal-istess atturi – kemm l-ittra u kif ukoll il-Mandat eżekuttiv maħruġ bis-saħħa tagħha nstabu li kienu jiswew. Fit-tieni lok, il-liġi nnifisha tgħid li "ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5)" ma tista' ssir biex twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv bħal dak[22]. Dan ifisser biss li dik id-

[20] Paġġ. 115 sa 131 tal-proċess Avviz Nru. 94/10 CSH Qorti tal-Maġistrati (Malta)
[21] Art. 32(2) tal-Kap. 12
[22] Art. 166A(6) tal-Kap 12

dispożizzjoni partikolari tal-liġi żżomm milli wieħed jirrikorri għal xi rimedju ieħor taħt id-dispożizzjoni ġenerali tal-artikolu 32 tal-imsemmi Kodiċi. Fit-tielet lok, il-Qorti jidhrilha xieraq tgħid li mhux sewwa li debitur iqanqal kwestjonijiet fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv miksub li seta' jew messu qajjimhom fil-proċedura qabel inħalaq it-titolu eżekuttiv[23];

Illi dan kollu jfisser li l-azzjoni attriċi fir-rigward tal-ittra ma tistax titqies minn din il-Qorti għaliex il-proċedura maħsuba għaliha hija dik taħt l-artikolu 166A u dik il-proċedura diġà hija eżawrita għaliex l-atturi nqdew biha fi proċeduri mnedijin minnhom stess snin ilu;

Illi għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma hemmx għalfejn tistħarreġ iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn billi bl-ilqugħ tal-ewwel eċċezzjoni l-kawża tieqaf hawn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin bħala mistħoqqa fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi ma setgħetx titressaq;

**Tastjeni** milli tqis it-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari**;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** minħabba l-irritwalità tal-azzjoni attriċi; u

**Tordna** li l-atturi jħalsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Lulju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**9 ta' Lulju, 2020**

[23] App. Ċiv. **5.10.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Falzon noe et vs Joseph Vella et*** (mhix pubblikata)